# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 36

Data tal-laqgħa: 19 ta' April, 2017

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgħa, 19 ta' April 2017 fis-6.00p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Ġiljan Aquilina |
| Viċi Sindku | Mario Gauci |
| Kunsillieri | Christopher Fenech |
| | Carl Grech |
| | Mark Azzopardi (Skużat) |
| Ambaxxatur Żagħżugħ | Skużat |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fis-6.05 p.m. billi ntqalet it-talba.

**36/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**36/01/01** Is-Sur Mark Azzopardi talab li jiġi skużat. Kien hemm qbil unanimu.

**36/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 35**

**36/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**36/02/02** **Para 35/02/02:** Is-Sur Michael Cohen għamel laqgħa ma' Sur James Piscopo fuq ir-*resurfacing* ta' parti mit-Triq l-Indipendenza imma għadu ma qalilnix l-eżitu.

**36/02/03** **Para 35/02/03:** Il-Kunsill għadu qed jistenna risposta mill-Onor. Deborah Schembri sabiex il-librerija tiġi lura fl-iskola jew għalinqas fil-kamra li applikajna sabiex tiġi devoluta lilna.

**36/02/04** **Para 35/02/04:** It-*tender for embellishment works and installation of environmentally friendly playing field equipment at Ġnien ta' Żagħruna* ġie ppubblikat.

**36/02/05** **Para 35/02/05:** Rigward l-ATM, il-kuntratt ġie ffirmat u fil-ġranet li ġejjin il-B.O.V ħa

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


japplikaw għad-dawl.

**36/02/06** **Para 35/02/07:** Saret laqgħa mal-foreman tad-Direttorat tat-Toroq fuq it-talba li jsir *culvert* fi Triq San Nikola. Id- Direttorat qabel mal-proposta tal-Kunsill u għandu jibagħtilna l-istima.

**36/02/07** **Para 35/02/08:** Fuq il-proġett tal-għaqda ta' B'Kara St. Joseph rigward il-ground ta' Xwieki għandna nagħmlu kuntatt ma' Sports Malta.

**36/02/08** **Para 35/02/10:** It-tabelli ġodda ta' *zebra crossing* fi Triq San Ġwann li ġew ordnati mingħand is-Smart Light Systems għandhom jeħlu dalwaqt.

**36/02/09** **Para 36/02/16:** Fuq PA 03592/16 *Construction of an aging residence at Naxxar*, il-Kunsill diġa' kien oġġezzjona formalment u ħa jibqa' jżomm il-pożizzjoni tiegħu.

**36/02/10** **Para 35/02/17:** It-tiswija fuq il-*Caledonia Village* li tinsab fi Ġnien il-Paċi saret.

**36/02/11** **Para 35/02/18:** Rigward il-pilantri, is-Sindku spjega li xogħol għadu pendenti.

**36/02/12** **Para 35/02/20:** Fuq ir-restawr tal-*Victoria Lines* għandha ssir laqgħa mal-Ministru Herrera nhar it-12 ta' Mejju 2017 u li għaliha għandhom jattendu s-Sindku u s-Sur Christopher Fenech.

**36/02/13** **Para 35/02/22:** Fuq il-ġiebja ta' Sqaq il-Ħofra, is-SE spjegat li bgħatna ittra lil GAP Holdings u li dawn ħa jagħmlu kuntatt mal-Lands Department.

**36/02/14** **Para 35/02/23:** Fuq it-talba ta' Sur Webb li jixtieq bankina quddiem il-bieb ta' dar fi Triq San Ġwann għadna qed nistennew risposta mingħand il-Perit tal-Kunsill.

**36/02/15** **Para 35/02/24:** Fuq it-talba ta' Sa Muscat li jsir parking ta' mutur, dan sar.

**36/02/16** **Para 35/02/25:** Il-fanal il-ġdid għal Triq Mons. L. Catania weħel u għandu jitqabbad mill-Enemalta.

**36/02/17** **Para 35/02/26:** Il-Kunsill qed ikompli jsegwi rigward l-iżvilupp ta' farm kbir tal-fniek fi Triq il-Ferha u ser iġib avviż fuq il-Facebook page tal-Kunsill.

**36/02/18** **Para 35/02/27:** Fuq l-installazzjoni ta' CCTV, b'kollox irċevejna 3 stimi.

**36/02/19** **Para 35/02/28**: Is-Sur Mark Azzopardi kien ressaq suġġeriment sabiex fuq il-ħajt tas-sejjieħ fil-Pjazza tad-Dejma jitpoġġew xi fjuri jew qsari. Ix-xogħol sar mill-E.L.C.

**36/02/20** **Para 35/02/30:** Fuq ir-*Revised Street Light Program* – it-tender ser jiġi aġġudikat għada waqt il-laqgħa tar-Reġjun.

**36/02/21** **Para 35/02/31:** Ix-xogħol mill-MQUIP fuq il-*Caledonia Village* fi Ġnien il-Paċi tlesta.

**36/02/22** **Para 35/02/32:** Id-*double yellow line* fi Triq Santa Katerina sar. Is-S.E. intalbet titlob lill-Pulizija kif ukoll lill-Gwardjani Lokali peress li vetturi kbar u trakkijiet kienu qed

jghaddu minn Triq Santa Katerina u Triq Naxxar meta ma jistghux jaghmlu dan. Barra minn hekk is-SE ħa tiċċekkja kemm ingħataw ċitazzjonijiet f'din it-triq u tinforma lill-Kunsill.

**36/02/23** **Para 35/03/01:** Fuq Skema 2 – Manutenzjoni tal-komun fil-binijiet tal-Gvern, qed nistennew risposta mill-Housing Authority.

**36/02/24** **Para 35/03/03:** Fuq il-pjanti tal-ġnien, il-Kunsill irċieva l-kont tal-Perit Chris Grech.

**36/02/25** **Para 35/03/04:** Is-Sindku kien ressaq li *double yellow line* fi Triq l-Oratorju jiġi estiż sa quddiem it-tieqa tal-ewwel dar, dan sar.

**36/02/26** **Para 35/05/01:** Il-kaxxa s-safra quddiem id-drive-in 1, Santa Rita, Triq Mattia Preti saret.

**36/02/27** **Para 35/05/02:** Il-bankina ta' quddiem Michael Vella House għada ma tranġatx.

**36/02/28** **Para 35/05/03:** Resident li joqgħod fi Triq Ferdinand kien talab li ssir bordura man-naħa t'isfel tal-faċċata, il-Kunsill qabel li ssir *site-visit*.

**36/02/29** **Para 35/05/08:** Rigward it-talba għal *parking* ta' MC fi Triq Caravaggio, dan tlesta.

**36/02/30** **Para 35/05/09:** Fuq il-qtugħ ta' ħaxix ħażin, il-Kuntrattur informa li SE li xogħol dalwaqt ikun lest kollu.

**36/02/31** **Para 35/05/10:** Rigward it-talba għal *sleeping police* fi Triq il-Kbira, ma kienx hemm qbil.

**36/02/32** **Para 35/05/12:** Fuq l-ilment li fi Triq Indipendenza n-naħa ta' Da Nino hemm kanal bla tarmac ma kienx hemm qbil peress li fil-passat ir-residenti kienu oġġezzjonaw.

**36/02/33** **Para 35/05/13:** Il-Kunsill reġa' nnota li l-latrina qed tibqa' miftuħa u mahmuga. Dan qieghed isir b'mod mill-aktar frekwenti. Ir-residenti qedghin kontinwament jilmentaw. Gie inotoat li hargu diversi default notices fuq din il-materja. Gie maqbul li ghandu jigi tterminat dan it-tender minhabba li nuqqas huwa wiehed kontinwu u mhux accetabbli. Ghaldaqstant ser jingiebu stimi ghal servizz ta' emergenza.

**36/02/34** **Para 35/05/14:** It-tabelli li ressaq is-Sur Christopher Fench saru kollha.

**36/02/35** **Para 35/05/16:** Is-SE bagħtet risposta lis-Sa Maria Louise Tonna rigward it-Triq Mons. L. Catania.

**36/02/36** **Para 35/05/39:** Il-Kunsill qed ikompli jsegwi fuq l-applikazzjoni tal-M4.3 *Funds for Rural Roads*.

**36/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**36/03/01** Is-Sur Aquilina spjega li rċevejna Compliance reprort mill-P.A. li juri li l-bini tal-kamra tal-ATM sar kif suppost.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**36/03/02** Fuq iż-żewġ fanali li jridu jitneħħew minn mal-knisja minħabba r-restawr, il-Kunsill qabel li nerġgħu nagħmlu kuntatt mal-Kappillan u naraw jekk wieħed mill-fanali jistax jehel mad-dar li qeda fi Triq id-Dejqa kantuniera ma Triq il-Wiesgha. Gie deciz li qabel ma jitnehhew dawn il-fanali nistennew sakemm l-ENEMALTA jaqilgħu l-arbli.

**36/03/03** Is-Sindku ressaq il-programm ta' attivitajiet ta' Sotto Kumitat Qasam Soċjali. Barra minn hekk, nhar is-7 ta' Lulju ħa ssir Majjalata; nhar il-11 ta' Lulju ħa ssir l-attività tal-'Water Games' għat-tfal; nhar it-18 ta' Awwissu ħa jsir 'Boat Party' għaż-Żgħażagħ u nhar it-28 ta' Awwissu ħa ssir ix-Xalata. Is-Sindku informa lill-Kunsill li Mc Donalds kienu ser jisponsorjaw l-attivita' tat-tfal. Ser tintbaghat ittra ta' ringrazzjament lil Mc Donalds. Il-Kunsill unanimament approva l-attivitajiet kollha.

**36/03/04** Is-Sur Tony Zahra ħa jagħti *sponsorship* ta' €200, sabiex bihom il-Kunsill ikun jista' jġib madwar 15-il *bowser* għat-tisqija fi Triq Ghaxqet l-Ghajn. Is-Sindku propona li nibagħtu ittra ta' ringrazzjament lis-Sur Zahra. Kien hemm qbil unanimu.

**36/03/05** Is-Sindku spjega li ser jitħawlu numru ta' siġar tal-Għargħar fi Triq Għaxqet l-Għajn. Il-Kunsill ħa jara eżatt kif ser taħdem it-tisqija. Is-Sur Christopher Fenech mar mal-E.L.C fuq il-post u qal li hemm fejn joqgħodu.

**36/03/06** Is-Sur Ġiljan Aquilina qal li madwar 40 ruħ ħadu sehem fil-Mixja b'risq Puttinu u propona li nibagħtu ittra ta' ringrazzjament lil Koptaco. Kien hemm qbil unanimu.

**36/03/07** Is-Sindku talab lill-Kunsilliera sabiex jibagħtu l-artikli li ser jidhru fil-fuljett tal-Kunsill sa mhux aktar tard mill-aħħar ta' Mejju.

**36/03/08** Peress li l-ġibja ta' Ġnien il-Paċi kważi vojta is-Sindku propona li nġibu bowser kull ħmistax. Kien hemm qbil unanimu.

**36/03/09** Is-Sur Ġiljan Aquilina spjega li dalwaqt għandna nirċievu l-*Audit Adjustments***.**

**36/04 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**36/04/01** Ma kienx hemm.

**36/05 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

**36/05/01** Il-Kunsill irċieva l-istima għal CCTVs mingħand l-Alberta.

Kien hemm diskussjoni sħiħa fuq dan is-suġġett. Is-Sur Christopher Fenech ried li jkun hemm *cameras* kemm barra kif ukoll ġewwa l-Kunsill kif ukoll li jehlu *cameras* fi Ġnien il-Paċi. Is-Sur Mario Gauci qabel li jkun hemm *cameras* kemm barra kif ukoll ġewwa l-ufficcju tal-Kunsill imma jhossx li hemm bzonn li jitwahhlu cameras fi Ġnien il-Paċi specjalment meta ftit li xejn kien hemm kazi ta abbuz kif ukoll meta wiehed jikkunsidra l-ispiza involuta. Gie deciz li isiru l-cameras biss barra u gewwa l-ufficcju tal-Kunsill. Is-Sur Christopher Fenech u s-Sur Carl Grech talab li fil-Minuti jitnizzel li hu ma jaqbilx ma din id-decizjoni. Is-SE spjegat l-importanza li jkun hemm *cameras* kemm barra kif

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


ukoll ġewwa l-Kunsill kif gie deciz.

**36/05/02** Ġiet innutata korrispondenza mill-MEPA. Gie deciz li l-Kunsill joggezzjona ghall-zvilupp li hu propost li jsir fi Triq Santa Katerina fejn hemm il-boat yard.

**36/05/03** Il-Kunsill irċieva *Notification of Receipt of Fresh Plans* – PA/00124/17.

**36/05/04** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Adrian Mifsud rigward l-Inizjattiva Finanzjarja – Skema Attivitajiet Kulturali fejn l-applikazzjoni tagħna dwar l-attività 'Għargħur mal-Medda taż-Żmien' ma kienitx giet milqugha. Il-Bord ta' Evalwazzjoni qies il-prijoritajiet għal dawn l-ewwel sitt xhur tal-2017 u ma kienx tal-fehma li, għal din is-sena, l-attività tagħna kienet tilħaq l-għanijiet prinċipali. Is-Sindku tkellem fuq iċ-Ċirkulari 9/2017 fejn spjega li hemm sejħa għal proposti għal attivitajiet minn Jannar 2018-Diċembru 2020 il-kunsilliera kollha qablu li nieħdu sehem.

**36/05/05** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Valletta 2018 Foundation – Living Cities, Liveable Spaces: Placemaking & Identity – call for papers open.

**36/05/06** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa Maria Louise Tonna rigward l-stat ta' Triq Mons. Luigi Catania. Ġie deċiż li nibagħtu *e-mail* lil TM u jekk hemm bżonn ngħidu lill-Perit tal-Kunsill iħejji BOQ għar-*resurfacing* ta' din it-triq. Il-Gvern Centrali kien wieghed li ser jaghmel pavimentar f'din it-triq imma dan qatt ma sar.

**36/05/07** Il-Kunsill approva l-istima tas-Signmark sabiex isiru żewġ *speed humps* waħda fi Triq Fidiel Zarb u l-oħra fi Triq Caravaggio għal prezz ta' €1,052.56.

**36/05/08** Ġiet innutata korrispondenza mill-MEPA.

**36/05/09** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sa Svetlana Curmi rigward il-Kontijiet tad-Dawl u l-Ilma – Kumitati Reġjonali u Kunsilli Lokali.

**36/05/10** Ġiet innutata Stqarrija tal-Bord ta' Gvernanza Lokali mis-Segretarju s-Sur Jonathan Mizzi rigward il-każ li jitratta ilment dwar *performance appraisal* u ħlas tal-*performance bonus* lis-Sinjura Louise Gusman għal meta kienet impjegata bħala SE mal-Kunsill Lokali tal-Għargħur. Il-Kunsill Lokali sostna li jaqbel mad-decizjoni li kienet ittiehdet mill-Kunsill precedenti u għandu jibgħat risposta fil-ġranet li ġejjin.

**36/05/11** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sur Clive Tonna – *Surveillance and monitoring of Aedes Albopictus Mosquito in local towns and villages*. Peress li ma hemmx postijiet li jżommu l-ilma, il-Kunsill qabel li ma għandniex nieħdu sehem f'dan l-eżerċizzju.

**36/05/12** Ġiet innutata applikazzjoni mis-Sa Daniela Pisani Scalpello rigward *Commonwealth Local Government Conference – Study visits.*

**36/05/13** Ġiet innutata ittra li ntbagħtet Ref: KLG 24/0229-17 lil Paul Attard obo GAP Holdings.

**36/05/14** Il-Kunsill approva l-istima għal ħadid ta' Ġnien il-Paċi mingħand il-Muzzan Blacksmith & Welders għal prezz ta' €885. Barra minn hekk ħa nġibu stima għal gate għal ħaddiema.

**36/05/15** Fuq it-talba ta' Sa Cynthia Farrugia li ssir kaxxa safra quddiem garaxx No 73, fi Triq Wieħed u Tletin ta' Marzu – Din ġiet approvata.

**36/05/16** Fuq it-talba ta' Sa Ruth Mangion sabiex ikun hemm *parking for residents only*, fi Triq l-Isqof Gargallo – Il-Kunsill unanimament ma qabilx.

**36/05/17** Fuq it-talba ta' Sa Anna Mizzi li ssir mera fi Triq il-Ġnien – is-SE għandha tagħmel kuntatt ma' Sa Mizzi sabiex tgħidilna fejn tixtieq il-mera u jiddeciedi aktar il-quddiem jekk din issirx.

**36/05/18** Is-Sindku ressaq talba biex tinxtara shade għal bozza fi Triq l-Indipendenza - Din ġiet approvata.

**36/05/19** Resident li joqgħod fi Triq San Bartilmew qal lis-Sindku li għandu bżonn jaqla' l-bankina peress li l-ilma qed jidħol fil-garaxxijiet tal-basement. Il-Kunsill innota li din il-bankina ilha li saret u qatt ma kellna ilmenti simili. Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill joħroġ *No Objection* sabiex dan ir-resident jaqla' l-bankina, jagħmel il-konkos bil-qlib u jerga' jpoġġi l-madum kollox spejjeż għalih. Is-SE ħa tibgħatlu ittra sabiex tinfurmah.

**36/05/20** Resident li joqgħod fi Vjal ir-Repubblika talbu sabiex jitneħħa l-parking tal-mutur u tiġi kaxxa safra sħiħa. Kien hemm qbil unanimu.

**36/05/21** Is-Sur Christopher Fenech ressaq lista ta' tabelli li jridu jinbidlu: żewġ STOP signs; tabella li turi salib it-toroq; tabella li turi li t-triq tagħlaq; żewġ tabelli li jindikaw parking għan-nies bi bżonnijiet speċjali; tabella li tindika fejn hu l-kunsill u żewġ tabelli li juru l-kappella tal-adorazzjoni. Il-Kunsill approva li jinxtraw.

**36/05/22** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li ssir guva fi Ġnien il-Paċi. Kien hemm qbil unanimu.

**36/05/23** Is-Sur Christopher Fenech spjega li l-attività tal-Ħuġġieġa ta' San Ġwann ħa ssir nhar it-23 ta' Ġunju 2017 bis-sehem tal-Għaqdiet. Bħal-lum ġimgħa ħa ssir laqgħa magħhom.

**36/05/24** Gie ppreżentat kont ta' NG Muscat ta' €400 ghal bini ta' bankina fi Triq Indipendenza. Il-Kunsill unanimament approva.

**36/06 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati**

**36/06/01** Ma kienx hemm.

**36/07 Konferma tal-membri tal-bord ta' evalwazzjoni tat-*tenders***

**36/07/01** Il-membri tal-bord ta' evalwazzjoni għat-tender GHR/BRT/0-17/24 *Service for the collection of bulky refuse from the locality of Hal Għargħur in an environmentally friendly manner* u GHR/GZT/02-17/24 *Tender for the Embellishment works and*

*installation of environmentally friendly playing equipment at Gnien ta' Żagħruna, Hal Għargħur* ħa jkunu s-Sur Giljan Aquilina, is-Sur Carl Grech u s-Sur Mark Azzopardi (voting) filwaqt li s-Sur Christopher Fenech u SE (non-voting).

**36/08 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**36/08/01** Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha ħlief il-kont tal-Correct Termination Ltd, is-SE ħa tara x'hemm miktub eżatt fil-kuntratt. Barra minn hekk ġew approvati wkoll il-kont tal-Perit C. Grech kif ukoll il-kont ta' Geomatix.

**36/09 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**36/09/01** Il-laqgħa spiċċat fis-7:20p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 16 ta' Mejju 2017 fis-6:00pm.

| | |
|---|---|
| *(firmati)* | *(firmati)* |
| **Ġiljan Aquilina** | **Maria Tanti** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |